MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tal-31 ta' Dicembru, 2012

Numru 1371/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jean Farrugia)**

**vs**

**Medhane Ghebremedhin Dawit ta' 27 sena, ta' nazzjonalita Eritreana, imwieled l-Eritrea fit-02/12/1985, iben Medhane u Nitahdi, Residenti Hal-Far Open Centre. Numru mghoti mill-Pulizija 120-051 u tal-karta tal-identita` numru 81735A**

**Mulubrhan Gebretsadik Abay ta' 29 sena, ta' nazzjonalita Eritreana, imwieled l-Eritrea fit-23/11/1983, iben Gebretsadik u Letehaimonot, Residenti Hal-Far Open Centre. Numru mghoti mill-Pulizija 120-043 u tal-karta tal-identita` numru 81032A**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzimigjuba fil-konfront tal-imputati li gew akkuzati talli fit-30 ta' Dicembru 2012 f'Malta ghamlu uzu jew attentaw li jaghmluuzu minn passporti mahruga lill-persuni ohra u dan bi ksur tal-Artikolu 4 tal-Kap 61 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif ukoll taht l-istess cirkostanzi, f'Malta taw jew geghlu li jinghata xi prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principal ital-Immigrazzjoni bi ksur tal-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni maghmulha mill-imputati liema ammissjoni giet rijaffermata wara li l-imputati inghataw zmien xieraq sabiex jirrikonsidraw l-istess;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat;

Illi fid-dawl tal-ammisjoni maghmulha mill-imputati l-Qorti ma tistax hlief issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom.

Illi meta tigi biex tqis il-piena li ghandha tigi inflitta l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputati, il-fedina penali nadifa tal-imputati, il-koperazzjoni taghhom mal-pulizija u l-fatt illi iddispjacihom ghal dak li ghamlu.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat l-artikolu4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 32(1)(c) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputati hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom u tikkundannahom ghall-perjodu ta' sitt (6) xhur prigunerija li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed jigu sospizi ghal zmien sena mil-lum.

Il-Qorti qed twissi lill-hatja bil-konsegwenzi skond il-ligi jekk huma jikkommettu reat iehor matul il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------